# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Adam Musa Ali**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Adam Musa Ali**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 72611A li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar l-24 ta' Settembru, 2016 għall-ħabta tas-2.00 ta' filgħodu u fil-ħinijiet ta' qabel, gewwa l-lokalita' tal-Marsa u f'diversi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer ta' Malta:-

1. saq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni GAO-593 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura, bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-gharnla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni GAO-593, bi traskuragni *uljew* b'mod perikoluz u/jew bla kont; bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq, ipprova jsuq jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni GAO-593, fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma alkohol li l-proprzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt, bi ksur tal-Artikoli 15B(1) tal-Kap. 65 tal-Ligiiiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni GAO-593 minghajr ma kien kopert b'polza ta assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi
persuni, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn dokument iffalsifikat u cioe' minn ljcenzja tas-sewqan iffalsifikata, bi ksur tal-Artikoli 189 u 189A tal'Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala sid il-vettura ta' ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni GAO-593, naqas li jwahhal id-diska tal-licenzja man-naha taxxellug tal-windscreen b'mod li tkun tidher minn quddiern, bi ksur tal-Artikolu17(2)(a) .A.L. 198/09;
7. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' hila fl-arti jew fil professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara jew gharraq xi haga u cioe' ghamel hsara fil-propjeta' maghrufa bhala 'Bezzina Bros. Ltd.', liema hsara saret ghad-dannu ta Leone Grima u/jew ta' persuna jew persuni ohra, bi ksur tal- Artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija rninbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, joghgobha tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni xi licenzja ta' sewqan ghall-perjodu li l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li wara li ġew moqrija l-imputazzjonijiet lill-imputat huwa wieġeb li kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkonudannah għal piena li tista' tkun

anke waħda karċerarja. Il-Qorti, wara li tagħtu żmien biżżejjed biex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, semgħat lill-imputat ittenni li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija mill-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

# ***DEĊIDE***

Li wara li inter alia rat l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta 189, 189A u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll ir-regolament 17(2)(a) tal-Avviż Legali 198/009 filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Kwantu tal-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Difensru li essenzjalment kienu jikkonsistu :

(a) filli l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija matul il-kors investigattiv kollu;
(b) illi huwa ammetta ħtijiet fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri;
(c) illi huwa għandu l-fedina penali tiegħu netta u qatt ma xellef difrejh mal-Ġustizzja minn mindu wasal Malta fl-2011;

(d) illi għalkemm huwa minnu li huwa l-imputat kien qiegħed isuq meta kien taht l-effett tax-xorb, il-livell tal-alkohol fin-nifs qabeż bi ftit l-ammont statutorju u dan wara li kien xorob flixkun birra;

(e) illi dan kien inċident li b'xorti tajba ma weġġgħux persuni fih, għalkemm saret ħsara involontarja *f'showroom;*

(f) illi fil-ħin tal-inċident kienet niżlet ix-xita u l-inċident seħħ meta l-*breaks* tal-karozza, li kienu bagħtuti, ma rabtux.

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, hija għandha tikkundanna lill-ħati kwantu għall-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), sitta (6) u sebgħa (7) għal multa komplessiva fl-ammont ta' tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) li għandha titħallas permezz ta' pagamenti mensili fl-ammont ta' mitt euro (€100).

Inoltre fir-rigward tal-ħames (5) imputazzjoni tikkundannah għal piena ta' tmien (8) xhur priġunerija u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tiġi fis-seħħ sakemm l-imputat ma jikkommettix reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sentejn mill-lum u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ipproċediet ai termini tal-artiklu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tkun ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu imnissla mill-

Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre l-Qorti tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza tas-sewqan maħruġa f'isem l-imputat għal perjodu ta' sentejn millum.

***Mogħtija illum l-24 ta' Settembru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***